## Avviż ta' Laqgħa Ġenerali Straordinarja ta' APS Funds SICAV p.l.c. ("il-Kumpanija") f'isem APS Global Equity Fund ("is-Sub-Fond")

Dan l-avviż qiegħed jingħata skont l-artiklu 22 tal-Istatut tal-Kumpanija ("**l-Istatut**") għal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-Kumpanija f'isem is-Sub Fond ("**il-Laqgħa**") li qiegħda tissejjaħ għat- 22 ta' Lulju 2024 fis- sebgħa ta' filgħaxija (19:00 hrs) ġewwa il-Phoenicia Malta, il-Mall, il-Furjana, Malta.

Id-Diretturi tal-Kumpanija qed jipproponu riżoluzzjoni straordinarja lill-Azzjonisti għal kunsiderazzjoni tagħhom kif miżmum hawn taħt.

Dan l-Avviż qed jigi ċċirkulat lill-Azzjonisti li jidhru fuq ir-reġistru tal-membri miżmum mill-amministratur tal-Kumpanija ta' nhar it-12 ta' Ġunju 2024 ("**ir-Record Date**"). Kwalunkwe tibdil fir-reġistru tal-membri li jseħħ wara r-Record Date ma jitqiesx għal finijiet ta' din il-Laqgħa.

**Aġenda Numru 1: Ħatra taċ-Chairman u Ftuħ tal-Laqgħa**

**Aġenda Numru 2: Quorum**

**XOGĦOL SPEĊJALI – RIŻOLUZZJONI STRAORDINARJA**

**Aġenda Numru 3: Tibdil fl-għan tal-investment tas-Sub-Fond**
Fuq ir-rakkommandazzjoni ta' ReAPS Asset Management Limited bħala l-Investment Manager tal-Kumpanija, id-Diretturi qed jitolbu l-approvazzjoni tal- Azzjonisti sabiex l-għan tal-investiment tas-Sub-Fond jiġi aġġornat b'dan il-mod:

*The investment objective of the Sub-Fund is to achieve long-term capital growth and income generation following the principles of the Ethical Policy. The Sub-Fund's strategy is to adapt to varying market conditions to optimize returns while managing risk through a diversified asset allocation approach.*

***TISSOSTITWIXXI:***
*The investment objective of the Sub-Fund is to achieve long-term capital appreciation through investment, primarily, in a diversified portfolio of equity securities.*

Għal aktar dettalji dwar din il-bidla proposta, jekk jogħġbok irreferi għall-Memorandum ta' Spjegazzjoni mehmuż hawnhekk.

**Ħatra tal-Prokuraturi**
L-Azzjonisti huma avżati li huma intitolati li jattendu u jivvutaw fil-Laqgħa msemmija hawn fuq personalment, jew permezz tal-ħatra ta' prokuratur (li m'hemmx għalfejn ikun Azzjonist tal-Kumpanija). Il-ħatriet tal-prokuraturi għandhom isiru bil-miktub bl-użu tal-Formola ta' Prokura mehmuża ma' dan l-Avviż. Jekk jogħġbok irreferi għan-Noti tal-Laqgħa fil-ktejjeb għal aktar informazzjoni dwar kif timtela u tintbagħat l-Formola ta' Prokura, inkluż id-data sa meta għandha tintbagħat il-Formola.

Il- Board ifakkar illi kopja ta' dan l-Avviż, kif ukoll l- Aġenda, u d-dokumenti kollha relatati ma' din il-Laqgħa Straordinarja huma disponibbli fuq il-websajt tal-Kumpanija **www.apsfunds.com.mt**.

**FUQ L-ORDNI TAL-BORD**

**Dr Michela Borg Pirotta**
F'isem Apex Corporate & Advisory Services Limited
Segretarja tal-Kumpanija

8 ta' Lulju 2024

APS Funds SICAV p.l.c. hi liċenzjata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji bħala Retail UCITS Collective Investment Scheme